**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1225/2007 MS*

**Norbert, Ray, Alex, Mario, Stephen, Andrew u Jane armla minn Joseph Degabriele fil-kwalità tagħha ta' użufruttwarja ta' l-assi tal-mejjet żewġha Joseph Degabriele għal kull interess li jista' jkollha, u b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2010 il-Qorti ordnat li l-atti jiġu trasfużi f'isem Norbert, Raymond, Alexander, Mario, Stephen u Andrew aħwa Degabriele**

**Vs.**

1) **Carmelo Degabriele, u b'dikriet tal-25 ta' Frar 2025, wara l-mewt ta' Carmelo Degabriele l-atti ġew trasfużi f'isem Beatrice Degabriele**
2) **Ernest Degabriele**
3) **Erminia mart Joseph Conti, u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2011 ġew nominati l-Avukat Dr Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Alison Wadge bħala kuraturi deputati sabiex jidhru għall-assenti Erminia Conti u**
4) **Hilda mart Anthony Galea,**

**u b'dikriet tas-6 ta' Frar 2020 ġie kjamat fil-kawża Mark Gaffarena**

Illum, 14 ta' April, 2025

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fit-22 ta' Novembru 2007, li bih wara li ippremettew dan li ġej:

> Illi fit-30 ta' Settembru tas-sena 1970 miet Jospeh Degabriele, ragel ta' Maria Dolores nee Vella (Dok A).
>
> Illi fl-10 ta' Mejju tas-sena 2005 mietet l-istess Maria Doleres, armla minn Joseph Degabriele (Dok B).
>
> Illi bit-testment unica charta taghhom fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel tal-25 ta' Novembru 1955 huma nnominawhom, lill-erba' (4) uliedhom Joseph, Hilda, Erminia u Charles ahwa Degabriele bhala l-eredi taghhom fil-waqt illi it-tifel taghhom l-iehor Ernest kien gie dizereditat (Dok C & D).
>
> Illi Joseph Degabriele bin l-istess testaturi miet fid-19 ta' Gunju 1985 (Dok E).
>
> Illi fit-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tal-1 ta' Lulju 1983 huwa nnomina lis-sitt (6) rikorrenti uliedhu u ulied Jane nee Vella bhala l-eredi tieghu (Dok F & G).
>
> Illi l-istes decuius Maria Dolores armla minn Joseph Degabriele fit-testment taghha tas-16 ta' Jannar 2002 fl-Atti tan-Nutar Dr. Ritienne Fenech, hija nnominat lill-uliedha Ernest, Carmelo u Erminia bhala l-eredi taghha (Dok H & I & J).
>
> Illi ir-rikorrenti ahwa Degabriele, ulied il-mejjet Joseph,ma jridux jibqghu aktar in komun mal-intimati u jridu ili jigi assenjat lilhom sehemhom bhala eredi tal-kwart mil-assi tal-mejjet nannuhom Joseph Degabriele lilhom u tigi likwidata l-legittima aspettanti lilhom mis-successjoni tal-mjta nannithom Maria Dolores armla minn Joseph Degabriele.
>
> Illi isa fejn jafu l-istess rikorrenti, l-attiv formanti parti is-succesjoni tal-istess Joseph u Maria Doloreskonjugi Degabriele jinkludi f' dawk l-assi indikati fl-annessa nota ta' inventarju immarkat Dok K oltre dawk rizultanti matul il-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

talbu lil din il-Qorti jogħġobha:

1.Tiddikjara illi l-attiv tal-mejjet Joseph Degabriele jikkonsisti f'dawk l-assi inkluz dawk hawn indikati Dok K u f'dawk li jirrizultaw matul il-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

2. Tiddikjara illi lir-rikorrenti jispetta lilhom sehem ta' kwart mill-istess assi ta' Joseph Degabriele.

3.Tillikwida u tiddividi u tassenja lil kull wiehed u kull wahda mill-kondividenti.

4. Tiddikjara illi f'kas li l-assi ma jkunux komodament divizbli tordna il-bejgh in licitazzjoni taghhom.

5.Tassenja lil kull parti is-sehem hekk likwidat.

6. Illi relattivament ghas-successjoni tal-mejta Maria Dolores armla min Joseph Degabriele jigi dikjarat li lir-rikorrenti jispetta lilhom il-legitima fil-kwota ta' wiehed (1) minn ghaxra (10) mill-attiv taghha.

7.Tillikwida l-istess legittima ilhom spettanti inkluz l-interessi skond il-ligi b' effett mis-sebgha (7) ta' Mejju 2007.

8.Tikkundanna lill-intimati jitrasferixxu u jhallu lill-istess rikorrenti il-legittima lilhom spettanti.

9.Tinnomina Nutar Pubbliku ghal Pubblikazzjoni tal-atti notarili rispetti u tiffisa jum u hin u lok ghall istess Pubblikazzjoni.

10.Tinnomina kuratur deputat sabiex jirraprezenta kull eventwali kontumaci fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-istess intimate minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

2. Rat illi l-konvenut Ernest Degabriele, għalkemm ġie debitament notifikat, naqas li jressaq risposta ġuramentata u għalhekk ġie kontumaċi;

3. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta Hilda Galea fit-3 t'April 2008[1], li permezz tagħha hija eċċepiet kif ġej:

1. Illi hija taqbel ma' uhud mill-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom fis-sens illi Joseph Degabriele li jigi missierha miet fid-19 ta' Gunju 1985 u permezz tat-testment unica carta fl-atti tan-Nutar Gerald Spiteri Maempel tal-25 ta' Novembru 1955 halla lilha bhala

[1] Fol.43.

wahda mill-erba (4) eredi u disereda lil huha Ernest Degabriele.

2. Illi l-esponenti taqbel ukoll li ommha mietet fl-10 ta' Mejju 2005 izda ma taqbilx mall-kontenut tat-tesment tas-16 ta' Jannar 2002 u dan ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw matul il-mori tal-kawza.

3. Illi hemm qbil li l-attiv ta' missier l-esponenti jigifirii Joseph Degabriele huwa dak elenkat fid-Dok K li gie ppresentat mir-rikorrenti li minnhu l-esponenti tispetta s-sehem taghha bhala kwart mill-istess assi.

4. Illi l-intimata taqbel mat-tielet (3), r-raba (4) u l-hames (5) talbiet tar-rikorrenti izda qabel ma jigu attwati dawn it-talbiet ghandhom jigu mahtura periti halli jsir valutazzjoni tal-proprjetajiet immobbli.

5. Illi dwar is-sitt (6), seba (7) talbiet tar-rikorrenti l-esponenti tissottometti li l-legittima spettanti lir-rikorrenti ghandha tkun dik stabbilieta mill-ligi tal-oggetti formanti l-wirt fil-mewt tal-mejta Maria Dolores Degabriele u huma elenkati fid-Dok K ppresentat mir-rikorrenti innifshom.

6. Illi l-esponenti taqbel mat-tmien (8), d-disa (9) u l-ghaxra (10) talba qeghdin jaghmlu r-rikorrenti fir-rikors taghhom.

7. Illi l-esponenti toggezzjona li hija ghandha tbaghti l-ispejjes ta' dawn il-proceduri ghaliex id-divizjoni u l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-genituri taghhom ma saritx minhabba xi tort taghha izda imhabba l-agir tal-intimati l-ohra partikolarment Carmelo u Ernest li tah il-kustodja taghhom jinsabu l-proprjetajiet kollha elenkati mir-rikorrenti fid-Dok K flimkien mal-mobbli u ghamara fihom.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra Carmelo Degabriele u Ernest Degabriele u kemm ir-rikorrenti u l-intimati l-ohra kollha, huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

4. Rat ir-risposta ġuramentata mressqa mill-konvenut Carmelo Degabriele fil-31 ta' Lulju 2009[2], li permezz tagħha huwa eċċepixxa hekk:

1. Illi in linea preliminari jigi rilevat illi l-attrici Jane Degabriele, mietet fil-mori tal-kawza.

2. Illi l-konvenuta Erminia Conti tghix il-Canada u kwindi trid b'xi mod tkun rapprezentata f'dawn l-atti minn prokuratur jew kuratur.

[2] Fol.53.

3. Illi inkwantu ghall-eredita ta' Joseph Degabriele, zewg Maria Dolores nee Vella, li miet f'Settembru 1970, din trid tinqasam inkwantu ghal kwart lill-atturi bejniethom u inkwantu ghal kwart kull wiehed lill-konvenuti Carmelo Degabriele, Erminia Conti u Hilda Galea biss u dan peress li l-konvenut Ernest Degabriele, wara li kien gie dizereditat minn missieru, kien spicca biex inghata somma flus ghas-saldu tad-drittijiet tieghu ta' legittima, liema somma ghalhekk trid titnaqqas mill-assi ereditarji ta' l-imsemmi Joseph Degabriele.

4. Illi inoltre fil-likwidazzjoni tal-assi tal-istess Joseph Degabriele irid jittiehed kont li nofs indiviz tal-hanut 126, Tarxien Road, Paola u l-garage numru ¾ (gja numru 3) fi Triq is-Sorijiet, Tarxien, gew imhollija minn mart id-*decujus* bhala *legato di cosa altrui* lill-eccipjenti u lill-konvenut Ernest Degabriele rispettivament.

5. Illi kif spjegat fid-dikjarazzjoni iktar l-isfel, l-inventarju tal-assi esebit mill-atturi mhuwiex korrett.

6. Illi inoltre hemm assi ereditarji ohra li jridu jigu nkluzi fl-assi tal-imsemmi Joseph Degabriele, fosthom flus, *shares* u *stocks* li ttiehdu illegalment mill-konvenuta Hilda Galea u li huma l-meritu ta' proceduri kriminali u civili sallum pendenti.

7. Illi nkwantu ghall-eredita ta' Maria Dolores Degabriele li mietet fis-sena 2005, din trid ukoll tigi likwidata sabiex jigi determinat il-kreditu ta' wiehed minn ghaxra (1/10) dovut lill-atturi flimkien bejniethom bhala legittima.

8. Illi jigi rilevat li dwar din l-ahhar eredita, l-eredi huma biss l-eccipjent Carmelo Degabriele u l-konvenuti Ernest Degabriele u Erminia Conti peress li, apparti li l-atturi huma legittimarji, l-konvenuta Hilda Galea giet dizereditata.

9. Illi nkwantu ghall-konsistenza tal-assi ereditarji, l-inventarju esebit mill-atturi huwa nkorrett u inolte hemm assi ereditarji ohra li ttiehdu illegalment mill-konvenuta Hilda Galea u li huma wkoll il-meritu ta' proceduri kriminali u civili sallum pendenti. Inoltre hemm ukoll passiv ta' l-eredita dovut lill-eccipjent.

10. Illi gjaladarba huwa logiku li l-eredita ta' Maria Dolores Degabriele ghandha tigi mhux biss likwidata iżda wkoll assenjata lill-kull wiehed u wahda mill-eredi, peress li l-atturi odjerni talbu biss il-legittima spettanti lilhom, l-eccipjent ser ikollu jippromuovi istanza separata ghal tali skop u sabiex ukoll issir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija mid-decujus, liema kawza ghandha tigi mismugha ma dik odjerna.

5. Rat illi b'dikriet mogħti fit-3 ta' Marzu 2011, ġew nominati l-kuraturi deputati l-Avukat Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Alison Wadge għall-assenti Erminia Conti[3];

6. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Avukat Dr Adrian Camilleri u mill-Prokuratur Legali Alison Wadge bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' Erminia Conti fis-27 t'Ottubru 2011[4], li biha wieġbu hekk:

> Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw id-dritt li jipprovdu r-risposta tagħhom fid-dettall fi stadju ulterjuri meta jkunu edotti mill-fatti tal-każ;
>
> Illi l-esponenti kitbu lil partijiet interessati fl-indirizzi provduti fir-rikors ġuramentat sabiex jingħataw kull informazzjoni possibli dwar il-każ in eżami.
>
> Salv risposti ulterjuri skont il-liġi.

7. Rat id-dikriet mogħti fit-23 ta' Frar 2016 li bih ġiet ordnata l-konnessjoni ta' din il-kawża mal-kawża bin-numru 433/2015 JRM fl-ismijiet *Carmelo Degabriele et vs. Avukat Dr Joseph Ellis et noe*[5];

8. Rat id-dikriet mogħti fit-12 t'Ottubru 2016[6], li bih ġiet miċħuda talba magħmula mill-konvenuta Hilda Galea b'rikors tat-22 ta' Frar 2016[7] sabiex il-Qorti «*...tieħu konjizzjoni formali taż-żewġ sentenzi indikati u tordna li l-kawżali tad-diżeredazzjoni ma tesistix u konsegwentement l-esponenti għandha tiġi ammessa lura fil-wirt ta l-imsemmija decujus fil-leġittima lilha spettanti*»;

9. Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019, li permezz tagħha ġie miċħud l-appell tal-konvenuta Galea mid-dikriet tat-12 t'Ottubru 2016;

---

[3] Fol.95.
[4] Fol.106.
[5] Fol.771.
[6] Fol.806.
[7] Fol.785.

10. Rat id-dikriet mogħti fis-6 ta' Frar 2020[8] li bih ġiet ordnata l-kjamata fil-kawża ta' Mark Gaffarena;

11. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-kjamat fil-kawża Mark Gaffarena fl-14 ta' Jannar 2021[9], li biha huwa qal hekk:

> Illi huwa kien sar ko-proprjetarju ta' ċerti fondi, flimkien ma' oħrajn involuti f'din il-kawża, in segwitu ta' subasta ordnata minn din l-Onorabbli Qorti meta dina kienet aġudikata favur tiegħu.
>
> Illi bħala stat ta' fatt, l-esponenti ma jopponix illi ssir qasma tal-proprjetajiet li fihom huwa għandu sehem.
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

12. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali ta' din il-kawża u tal-kawża bin-numru 433/2015 MS, li sejra tiġi deċiża llum stess;

13. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

14. Rat li l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

15. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-atturi qiegħdin jitolbu d-diviżjoni tal-eredità ta' Joseph Degabriele, in-nannu patern tagħhom, kif ukoll is-sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt ta' martu Maria Dolores Degabriele.

16. Il-fatti li jinteressaw din il-kawża huma kif ġej.

17. L-atturi odjerni huma wlied Joseph Degabriele, li kien jiġi iben Joseph Degabriele (minn issa 'l quddiem «it-testatur») u Maria Dolores Degabriele (minn issa 'l quddiem «it-testatriċi»). Il-konvenuti l-oriġinali f'din il-kawża huma z-zijiet tal-atturi odjerni, u wkoll ulied it-testaturi.

[8] Fol.880-881.
[9] Fol.925.

18. It-testatur miet fit-30 ta' Settembru 1970. Is-suċċessjoni tiegħu[10] hija regolata minn testment *unica charta* magħmul fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel fil-25 ta' Novembru 1955[11]. B'dan it-testment, huwa ħalla l-użufrutt fuq il-ġeneralità tal-beni tiegħu favur martu, bil-fakoltà li din f'każ ta' bżonn tista' tbigħ jew tipoteka dak il-ġid mingħajr il-bżonn tal-kunsens tal-werrieta. It-testatur ta lil martu l-fakultà li tvarja t-testment fir-rigward tal-attiv proprju tagħha, u eżenta lill-uliedu mill-obbligu tal-kollazzjoni. Il-konvenut Ernest Degabriele ġie diżereditat, u bħala werrieta ġew nominati erba' minn uliedu, u ċjoè l-konvenuti Charles, Hilda u Erminia, u missier l-atturi, Joseph, u dan f'ishma ndaqs bejniethom.

19. Permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Frar 1974[12], il-konvenut Ernest Degabriele tħallas mingħand ħutu l-oħrajn, werrieta tat-testatur, is-somma ta' Lm1,200 għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu għal-leġittima. B'dan il-ftehim, ġiet tranżatta l-kawża bin-numru 719/71 CC li l-konvenut Ernest Degabriele kien ressaq.

20. Missier l-atturi, li wkoll jismu Joseph Degabriele, miet fid-19 ta' Ġunju 1985[13]. Is-suċċessjoni tiegħu[14] kienet regolata b'testment magħmul għand in-Nutar Marco Farrugia fl-1 ta' Lulju 1983[15]. Permezz tiegħu, huwa ħalla l-użufrutt fuq ġidu kollu lill-martu, u nnomina bħala eredi universali f'ishma ndaqs bejniethom lill-uliedu nati u naxxituri, u ċjoè lill-atturi odjerni. L-attriċi Jane Degabriele, omm l-atturi odjerni u użufruttwarja tal-ġid ta' Joseph Degabriele, iben it-testaturi, mietet fl-10 ta' Mejju 2009[16].

21. It-testatriċi mietet fl-10 ta' Mejju 2005[17]. Is-suċċessjoni tagħha[18] kienet regolata minn diversi testmenti, u ċjoè dawn li ġejjin:

---

[10] Fol.10-11.
[11] Fol.7.
[12] Fol.84.
[13] Fol.5.
[14] Fol.18-19.
[15] Fol.13.
[16] Fol.68.
[17] Fol.6.
[18] Fol.25-30.

i. testment magħmul fl-atti tan-Nutar Ritienne Fenech fis-16 ta' Jannar 2002[19], li bih iddikjarat li qiegħda tħalli lill-atturi odjerni il-leġittima spettanti lilhom skont il-liġi, u nnominat bħala eredi tagħha lill-konvenuti Carmelo Degabriele, Ernest Degabriele u Erminia Conti, f'ishma ndaqs bejniethom. Il-konvenuta Hilda Galea ġiet diżereditata. Il-kontendenti kollha, ħlief il-konvenuta Hilda Galea, ġew eżentati mill-obbligu tal-kollazzjoni;
ii. testment magħmul fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb fit-22 t'Ottubru 2002[20], li bih żiedet mat-testment preċedenti tagħha billi ħalliet żewġ prelegati lill-konvenuti aħwa subien Degabriele, liema prelegati jiffurmaw il-meritu tal-kawża bin-numru 433/2015, li qed tiġi deċiża llum ukoll;
iii. saru wkoll xi testmenti sigrieti minn Maria Dolores Degabriele, li però ma ġewx eżebiti fl-atti ta' din il-kawża u li dwarhom ingħad biss li l-konvenut Carmelo Degabriele kien ġie nominat bħala eżekutur testamentarju.

22. Mar-rikors ġuramentat tagħhom, l-atturi ndikaw prospett ta' ġid[21] li skont huma kien komuni bejn it-testaturi, u ċjoè:

- tliet fondi bin-numri 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp, Tarxien;
- ħanut bin-numru 126, Tarxien Road, Paola;
- garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet, Tarxien;
- fond bin-numru 55, Zonqor Street, Marsascala;
- salott, sottospecchio u l-merkanzija tal-ħanut.

23. B'nota preżentata fis-26 ta' Diċembru 2007[22], fuq ordni tal-Qorti kif kienet diversament presjeduta, l-atturi ddikjaraw li t-testaturi ma kellhomx beni parafernali, u li l-komunjoni tal-akkwisti tagħhom kienet tinkludi wkoll:

- qabar fiċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien;

[19] Fol.20.
[20] Fol.23.
[21] Fol.31.
[22] Fol.35-36. Verżjoni dattilografata ta' din in-nota ġiet preżentata fit-12 t'April 2010 (fol.60).

- flus u deheb;
- għamara fil-postijiet indikati;
- merkanzija u fajjenza li biha kien adibit il-ħanut numru 126, Triq Tarxien, Paola[23];
- krediti u debiti tat-testaturi.

24. L-atturi eżebew stima li saret fl-atti tas-subbasta bin-numru 58/2010 fl-ismijiet *Marc Gaffarena vs. Louis Conti noe*[24], li ġiet preżentata fit-13 ta' Lulju 2012 u li fiha saret valutazzjoni tal-ħwejjeġ immobbli msemmija f'dan il-wirt. Però waqt il-kors tas-smigħ ta' din il-kawża saru is-segwenti perizji tekniċi:

- perizja preżentata fit-3 ta' Marzu 2015 u maħlufa fil-15 ta' Lulju 2015[25], li permezz tagħha ġew stmati l-immobbli li ġejjin:

  a) il-garaxx numru 248, qabel 3, fi Triq is-Sorijiet, Tarxien, fl-ammont ta' €140,000;
  b) il-ħanut numru 126, bl-isem 'Ang'e', fi Triq Ħal Tarxien, Paola, fl-ammont ta' €175,000.

- perizja preżentata fit-13 ta' Ġunju 2023[26], li permezz tagħha twettqu dawn l-istimi:

  a) il-fondi bin-numri 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp f'Tarxien ġew stmati bil-valur ta' €180,000 fis-sena 2005 u bil-valur ta' €425,000 fis-sena 2023;
  b) il-fond bin-numru 126, fi Triq Ħal Tarxien f'Raħal Ġdid ġie stmat bil-valur ta' €95,000 fis-sena 2005 u bil-valur ta' €230,000 fis-sena 2023;
  c) il-garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet f'Ħal Tarxien ġie stmat bil-valur ta' €80,000 fis-sena 2005 u €240,000 fis-sena 2023.

---

[23] Skont il-konvenut Carmelo Degabriele, dawn l-oġġetti ttieħdu minnu biex jinħażnu fil-fondi 144 u 145 fi Triq San Ġużepp f'Ħal Tarxien (fol.783).
[24] Fol.248.
[25] Fol.762.
[26] Fol.1038.

- perizja preżentata fit-8 ta' Frar 2024 u maħlufa fis-26 ta' Frar 2024[27], li permezz tagħha l-valur tan-nofs indiviż tal-fond bin-numru 55 fi Triq iż-Żonqor f'Marsascala ġie stmat fis-sena 2005 fl-ammont ta' €20,000.

25. Waqt is-smigħ tal-kawża, Mark Gaffarena akkwista s-sehem ta' sebgħa minn erbgħa u għoxrin ($^{7}/_{24}$), u li kien jappartjeni lill-konvenuta Conti, fil-fondi bin-numri 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp, Tarxien, u dan permezz ta' rkant ġudizzjarju[28].

26. Il-fond bin-numru 55, Zonqor Street, Marsascala inbiegħ lil terzi b'kuntratt magħmul min-Nutar Diane Magro fis-16 ta' Settembru 2022[29]. Il-bilanċ tal-prezz, ammontanti għal €95,178.93, ġie depożitat mill-kuraturi deputati b'ċedola bin-numru 1756/2022 fir-Reġistru ta' din il-Qorti[30]. Bi qbil bejn il-kontendenti, l-ispejjeż peritali nkorsi wara dan il-bejgħ ġew imħallsa minn dan id-depożitu, bil-konsegwenza li llum għad hemm bilanċ depożitat fl-ammont ta' €90,912.17[31].

27. Il-konvenut Carmelo Degabriele indika li fost il-ġid komuni tat-testaturi hemm ukoll disa' mija u sittin ishma fil-kumpanija Simonds Farsons Cisk[32]. Huwa sostna wkoll illi hemm diversi assi li ġew approprjati indebitament mill-konvenuta Hilda Galea, u li dwarhom kien hemm pendenti proċeduri kriminali u ċivili oħrajn. Waqt il-kors tas-smigħ tal-kawża ingħad li t-testatriċi kellha f'isimha numru ta' azzjonijiet pubbliċi li ġew donati f'Lulju 2001 lill-konvenuta Galea[33], kif ukoll attiv ieħor li ttieħed mill-istess konvenuta. B'sentenza mogħtija fit-22 t'April 2015 fl-atti taċ-ċitazzjoni bin-numru 157/2002 AF fl-ismijiet *Maria Dolores Degabriele u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2004, Carmelo Degabriele bħala kuratur tal-inabilitata Maria Dolores Degabriele assuma l-atti tal-kawża flok l-attriċi u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Ottubru 2005 ġew trasfużi l-atti f'ismijiet ta' Ernest Degabriele, Carmelo Degabriele u Erminia Conti peress li l-attriċi Maria*

[27] Fol.1100.
[28] Fol.913.
[29] Fol.984.
[30] Fol.1016.
[31] Fol.1113.
[32] Fol.85.
[33] Ara x-xiehda ta' Kenneth Pullicino, a fol.142.

*Dolores Degabriele mietet fil-mori tal-kawża vs. Hilda Galea u żewġha Anthony Galea*[34], ġew miċħuda t-talbiet tat-testatriċi biex il-konvenuta Galea u żewġha jroddulha lura flus li hija sostniet ittieħdu b'mod indebitu u abbużiv. Hekk ukoll, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) vs. Hilda Galea*[35], il-konvenuta Galea ġiet liberata mill-akkużi ta' frodi u misappoprjazzjoni li saru fil-konfront tagħha. Minn dawn is-sentenzi ma sar ebda appell.

28. Irriżulta wkoll li t-testatriċi kellha numru ta' kontijiet bankarji f'isimha, u ċjoè dawn li ġejjin:

- kont ta' tfaddil bin-numru 17300348015 fi ħdan Bank of Valletta plc li ngħalaq f'Diċembru 2001 bl-ammont ta' Lm750[36];
- kont ta' tfaddil f'munita estera bin-numru 17300348028 fi ħdan Bank of Valletta plc, li ngħalaq fl-20 ta' Frar 2001 meta nġibdet is-somma ta' £42,570[37];
- kont kurrenti bin-numru 17300348044 fi ħdan Bank of Valletta plc, li ngħalaq f'Diċembru 2001, meta kien hemm bilanċ ta' Lm47.64.

29. Il-konvenut Carmelo Degabriele xehed li huwa kellu kreditu fil-konfront tal-eredità tat-testatriċi, konsistenti minn flus li huwa ħallas versu l-akkomodazzjoni tagħha f'dar tal-anzjani meta ma servitix il-pensjoni, u fi prestazzjonijiet li huwa wettaq fl-interess t'ommu, konsistenti minn ħasil regolari tal-ħwejjeġ tagħha[38].

30. Dwar il-ħanut bin-numru 126, fi Triq Ħal Tarxien f'Raħal Ġdid, irriżulta li dan kien inkera mill-konvenut Carmelo Degabriele lil Jason Bonavia[39]. B'sentenza mogħtija fis-16 t'Ottubru 2014 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara r-rikors ġuramentat bin-numru 396/2007 SM fl-ismijiet *Raymond Degabriele et vs.*

---

[34] Fol.787.
[35] Fol.792.
[36] Fol.161.
[37] Fol.162.
[38] Fol.734.
[39] Ara x-xiehda tal-konvenut Carmelo Degabriele, a fol.781.

*Charles Degabriele et*[40] ġew miċħuda talbiet sabiex il-kirja mogħtija lil Bonavia titħassar u l-inkwilin jiġi żgumbrat. Din is-sentenza wkoll ma ġietx appellata.

31. Issa li ġew esposti l-fatti rilevanti għat-talbiet tal-atturi u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tal-kjamat fil-kawża, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha. Huwa opportun li dawn il-konsiderazzjonijiet jiġu diviżi f'żewġ taqsimiet, u ċjoè l-waħda li tirrigwarda d-diviżjoni tal-eredità tat-testatur, u l-oħra li tirrigwarda s-sehem riżervat li l-atturi jippretendu mill-eredità tat-testatriċi.

Ikkunsidrat:

*<u>Id-diviżjoni tal-eredità tat-testatur</u>*

32. Kif rajna, it-testatur ħalla erba' eredi, u ċjoè lill-konvenuti Carmelo Degabriele, Hilda Galea u Erminia Conti, kif ukoll lill-missier l-atturi odjerni, u dan f'sehem indaqs bejniethom.

33. Mill-provi irriżulta li l-eredità tat-testatur hija komposta mis-segwenti beni:

- nofs indiviż tat-tliet fondi bin-numri 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp, Tarxien;
- nofs indiviż tal-ħanut bin-numru 126, Tarxien Road, Paola;
- nofs indiviż tal-garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet, Tarxien;
- nofs indiviż tal-fond bin-numru 55, Zonqor Street, Marsascala.

34. L-atturi ndikaw ukoll qabar fiċ-ċimiterju f'Ħal Tarxien bħala attiv appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti tat-testaturi Degabriele. Dan il-qabar huwa aħjar deskritt fid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* magħmula mill-aħwa subien Degabriele, u li huma eżebiti fl-atti tal-kawża bin-numru 433/2015, kif ġej: «*...qabar numru wieħed (1) fis-sezzjoni ittra "P" fiċ-Ċimiterju Parrokjali ta' Ħal-Tarxien, magħruf*

[40] Fol.957.

*ukoll bħala Ċimiterju ta' l-Erwieħ Triq it-Tempji Neolitiċi Ħal Tarxien...*». Ma saret ebda stima ta' dan il-qabar.

35. Matul il-kors tal-kawża, issemma attiv ieħor, bħal deheb u mobbli oħrajn li bihom kien mgħammar ħanut li kien tal-konjuġi Degabriele. Dwar dan kollu però ma tressqet ebda prova konkreta, u l-perit tekniku ta l-fehma tiegħu li dawn l-oġġetti għandhom biss valur nominali u ma kienx jistħoqqilhom li jifformaw l-oġġett ta' stima appożita, u għalhekk il-Qorti mhux sejra tqishom.

36. F'dan l-istadju huwa utili li ssir riferenza għal-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor imħolli mit-testatriċi favur il-konvenuti aħwa subien Degabriele, li jirrigwarda l-ħanut bin-numru 126, Tarxien Road, Paola u l-garaxx numru 3, fi Triq is-Sorijiet, Tarxien, in kwantu dan il-legat effettivament jirrigwarda wkoll is-sehem li kellu t-testatur minn dawn l-istess fondi. B'sentenza mogħtija llum stess, din il-Qorti ddeċidiet illi s-sehem li kellu t-testatur jista' jgħaddi favur il-prelegatarji rispettivi biss sa fejn dak is-sehem iddevolva wkoll fuq l-eredi tat-testatriċi. Fejn is-sehem li kien tat-testatur għadda għand persuni li m'humiex werrieta tat-testatriċi, dawn m'għandhom ebda obbligazzjoni li jgħaddu sehmhom lill-prelegatarji, li jkollhom biss jedd jirċievu l-valur ta' dak is-sehem, kif imfisser fl-istess deċiżjoni mogħtija llum.

37. Dan għalhekk ifisser illi fir-rigward tan-nofs indiviż tal-fondi li ġejjin u li jifformaw l-eredità tat-testatur:

- tal-fondi 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp, Tarxien, għandhom kwart indiviż kull wieħed l-atturi bejniethom, il-konvenuta Beatrice Degabriele, il-kjamat fil-kawża Gaffarena u l-konvenuta Hilda Galea;
- tal-fond bin-numru 55, Zonqor Street, Marsascala, għandhom kwart indiviż kull wieħed l-atturi bejniethom, l-konvenuta Beatrice Degabriele, il-konvenuta Conti u l-konvenuta Hilda Galea;
- tal-qabar, għandhom kwart indiviż kull wieħed l-atturi bejniethom, il-konvenuta Beatrice Degabriele, il-konvenuta Conti u l-konvenuta Hilda Galea;

- tal-ħanut bin-numru 126, Tarxien Road, Paola, għandhom nofs indiviż il-konvenut Carmelo Degabriele, u kwart indiviż l-atturi u l-konvenuta Galea;
- tal-garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet, Tarxien, għandhom kwart indiviż kull wieħed il-konvenut Ernest Degabriele, l-atturi u l-konvenuti Conti u Galea.

38. Issa t-talba għad-diviżjoni li l-Qorti trid tiddeċiedi dwarha hija biss fir-rigward tal-wirt tat-testatur. F'dan il-kuntest hija irrilevanti l-eċċezzjoni tal-konvenut Degabriele dwar il-ħlas tal-leġittima magħmul snin ilu lil Norbert Degabriele. Dak li huwa rilevanti għad-diviżjoni huwa l-konsistenza tal-eredità llum, u dejn li tħallas snin ilu ma jinċidix fuq il-qasma eventwali.

39. Il-prinċipji ewlenin li jirregolaw l-istitut tad-diviżjoni huma issa sewwa magħrufin. Ewlenin fost dawn ir-regoli hi dik li teżiġi li kull komproprjetarju għandu l-jedd li ma jibqax in komunjoni mal-komproprjetarji l-oħra, u li kull wieħed minnhom għandu, mal-qasma, id-dritt li jinsisti li jieħu sehmu *in natura* sa fejn dan huwa possibbli li jsir. Din l-aħħar regola fil-fatt ġiet kodifikata permezz tal-artikolu 502 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li: «*Kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura*».

40. L-artikolu 515(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid:

> Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.

41. Il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li, bħala punt ta' prinċipju, tirrileva li konformement mal-prinċipju li l-liċitazzjoni hija l-mezz aħħari li għalih għandhom jirrikorru l-Qrati sabiex ifittxu l-qasma tal-ġid komuni[41], jeżisti l-prinċipju l-ieħor li minkejja t-talbiet li jistgħu ikunu jew ma jkunux dedotti fir-rikors ġuramentat, il-Qrati huma dejjem fakoltizzati li jordnaw li l-qasma ssir b'dak il-mod li lilhom jidhrilhom li jkun fl-aħjar interess tal-komproprjetarji. Il-ħsieb wara

[41] ***Marianna Mallia et vs. Sindaco Dr Giuseppe e Paolo Giorgio fratelli Falzon et*** (Appell Superjuri, 21/4/1887 – Kollezz. Vol.XI.303); ***Saviour Gatt et vs. Edgar Gatt et*** (Prim'Awla, 28/5/2003) u ***Pancrazio Schembri vs. Carmelo Vassallo*** (Prim'Awla, 16/6/2003).

dan l-aħħar prinċipju – li huwa mfassal mill-ġurisprudenza – hu li la darba l-parti attriċi qed titlob id-diviżjoni, il-Qorti hija dejjem fakoltizzata li takkorda dak il-*modus divisionis* li jidhrilha l-aħjar u l-aktar utili fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser li l-Qorti tista' tordna l-liċitazzjoni anki fejn ma jkun hemm ebda talba għalhekk[42], u jfisser ukoll li tista' tordna d-diviżjoni mod'ieħor anki fejn il-parti attriċi titlob biss il-liċitazzjoni (ara, per eżempju, ***Giuseppe Meilak et vs. Cecilia Zahra Scicluna***[43]).

42. Prinċipju ieħor li l-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha meta tiġi biex tqis id-diviżjoni ta' ġid komuni huwa dak li d-diviżjoni parzjali m'hijiex permissibbli, salv bil-kunsens tal-interessati kollha[44]. Fil-ġurisprudenza ġie fil-fatt deċiż li diviżjoni li biha wħud mill-komproprjetarji jibqgħu in komunjoni bejniethom hi diviżjoni parzjali (ara f'dan is-sens ***Giorgio Pulo vs. Francesco Pulo***, Prim'Awla, 1 ta' Frar 1936[45]). Dan għalhekk ifisser li fil-qasma, kull wieħed mill-atturi jrid jirċievi sehmu b'mod separat mill-atturi l-oħrajn.

43. Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, għalkemm inħatru periti tekniċi b'diversi nkarigi sabiex jivvalutaw il-proprjetà immobbli, l-ebda perit tekniku ma ġie nkarigat sabiex iħejji pjan ta' qasma. Naturalment, dan huwa hekk għaliex ħadd mill-partijiet ma dehrlu li kellu jressaq din it-talba.

44. Il-Qorti jidhrilha li:

(i) fl-assenza ta' pjan ta' diviżjoni imħejji minn perit tekniku jew minn periti mqabbdin mill-kontendenti kif irid l-artikolu 501 tal-Kodiċi Ċivili;

(ii) fid-dawl tal-fatt li l-beni komuni huma llum appartenenti lil persuni diversi b'konsegwenza tat-trasferiment ta' xi ishma minn waħda mill-werrieta u b'konsegwenza wkoll tal-ħlas tal-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor imħolli mit-testatriċi;

---

[42] ***Giuseppe Mercieca vs. Capitan Michele De Maria*** (Prim'Awla, 8/7/1903 – Kollezz. Vol.XVIII.ii.355); ***Tancred Sciberras et vs. Vincent Sciberras et*** (Prim'Awla, 13/1/2011).

[43] Appell Superjuri, 28/6/1948 - Kollezz. Vol.XXXIII.i.329.

[44] Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni ***Il-Baruni Salvatore (Salvino) Testaferrata Moroni Viani et vs. Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici sive Gera de Petri Testaferrata Għaxaq et*** (Prim'Awla, 28 t'Ottubru 2024).

[45] Kollezz. Vol.XXIX.II.940.

(iii) fid-dawl tal-fatt li l-ishma tal-kontendenti wkoll ivarjaw, u fil-fatt l-ishma tal-atturi huma iżgħar u diffiċilment jistgħu jiġu sodisfatti *in natura*,

huwa xieraq li l-*modus divisionis* li bih tipproċedi l-qasma jkun dak tal-liċitazzjoni.

45. Jifdal żewġ kwistjonijiet li dwarhom trid tiddeċiedi l-Qorti u li huma pertinenti għall-eredità tat-testatur.

46. L-ewwel kwistjoni hija dik li tirrigwarda l-bilanċ tal-prezz mill-bejgħ tal-fond bin-numru 55, Zonqor Street, Marsascala. Kif ingħad, il-bilanċ minn dak il-prezz, wara t-tnaqqis ta' spejjeż komuni, illum jammonta għal €90,912.17. Nofs dan l-ammont huwa ta' pertinenza tal-eredità tat-testatur. Dak in-nofs għandu jinqasam hekk: kwart favur il-konvenuti Carmelo Degabriele, Hilda Galea u Erminia Conti, kull wieħed, u r-rimanenti kwart għandu jinqasam bejn l-atturi f'ishma ugwali bejniethom.

47. It-tieni kwistjoni tirrigwarda l-kera miġbura mill-konvenut Carmelo Degabriele dwar il-ħanut bin-numru 126, fi Triq Ħal Tarxien, Paola. B'sentenza mogħtija llum stess fil-kawża bin-numru 433/2015, din il-Qorti ċaħdet il-pretensjoni ta' dan il-konvenut li l-kera in kwistjoni hija tiegħu b'applikazzjoni tal-artikolu 728 tal-Kodiċi Ċivili.

48. B'danakollu l-Qorti jidhrilha illi f'din il-kawża ma tistax tgħaddi biex tqis u tiddeċiedi dwar kera li nġabret minn proprjetà <u>wara</u> l-mewt tat-testatur. It-talbiet li ressqu l-atturi f'din il-kawża huma għall-qsim tal-wirt tat-testatur u għall-ħlas tas-sehem riservat li jmiss lilhom mill-wirt tat-testatriċi. Il-qsim tal-kera in kwistjoni ma tidħol fl-ebda waħda mit-talbiet li saru f'din il-kawża.

49. Il-Qorti qieset ukoll illi fis-sentenza mogħtija fis-16 t'Ottubru 2014 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara r-rikors ġuramentat bin-numru 396/2007 SM fl-ismijiet *Raymond Degabriele et vs. Charles Degabriele et*[46], ġie deċiż li l-konvenut

---

[46] Fol.957.

Carmelo Degabriele kera l-fond in kwistjoni u ġabar il-kirjiet relattivi fil-kapaċità tiegħu ta' eżekutur testamentarju. Din is-sentenza issa għaddiet in ġudikat. Il-kwistjoni dwar min imissu l-frottijiet ċivili relattivi tiddependi minn x'se jsir fil-liċitazzjoni li ġiet ordnata mill-Qorti, minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 946 tal-Kodiċi Ċivili:

> Kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur waħdu u dirett fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu, jew li messu lilu b'liċitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-oħra tal-wirt.

50. Dan ifisser li jekk wieħed mill-kontendenti se jiġi assenjat lilu l-ħanut in kwistjoni, huwa se jitqies suċċessur waħdu u dirett ta' dak il-ħanut, bil-konsegwenza tkun li huwa jkun jistħoqqlu wkoll il-frottijiet relattivi[47]. Jekk, min-naħa l-oħra, l-ħanut jiġi liberat favur terz estranju, isegwi li dawk il-frottijiet ikun appartenenti lill-komproprjetarji tal-ħanut fl-ishma relattivi, skont ma jkun jirriżulta. Kif osservat fid-deċiżjoni ***Maria Stella Hili et vs. Carmelo Cilia*** (Prim'Awla, 1 ta' Frar 1957)[48]: «*U ma jistax ikun diversament; għaliex il-werrieta ma jistgħux ikunu jafu x'sustanzi speċifiċi sejrin imisshom qabel id-diviżjoni; u jista' jiġri li xi uħud minnhom, minħabba d-dejn jew xi raġuni oħra, ma jmisshom xejn; u konsegwentement, qabel ma ssir id-diviżjoni tal-wirt ... l-atturi ma jistgħux jeżiġu sehemhom mill-kreditu in kwistjoni li, forsi, fid-diviżjoni ma jmisshom ebda parti minnu*».

51. Din il-kwistjoni għalhekk sejra titħalla impreġudikata.

Ikkunsidrat:

<u>*Is-sehem riżervat mill-eredità tat-testatriċi*</u>

52. Niġu b'hekk għat-tieni kwistjoni f'din il-kawża, li tirrigwarda s-sehem riżervat li jmisshom l-atturi.

---

[47] Ara, per eżempju, ***Carmen Borg vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 13 ta' Mejju 2024), u r-rassenja ta' ġurisprudenza hemmhekk kontenuta, għall-applikazzjoni ta' din ir-regola f'każijiet dwar kumpens għal telf ta' kera minħabba l-applikazzjoni tal-liġijiet ta' kontroll tal-kera.

[48] Kollezz. Vol.XLI.ii.872.

53. It-testatriċi mietet fl-10 ta' Mejju 2005. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-jedd tas-sehem riservat, preċedentement imsejħa leġittima, huma l-artikoli 615 sa 621. Dawn id-disposizzjonijiet ġew emendati bl-artikolu 58 sa 62 tal-Att XVIII tal-2004. L-artikolu 116(2) ta' dak l-Att jipprovdi li l-artikolu 58 sa 62, fost artikoli oħra, «*japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ*». Issa l-emendi promulgati permezz tal-artikoli 58 sa 62 tal-Att XVIII tal-2004 daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 2005, permezz tal-Avviż Legali 48/2005. Dan l-Avviż Legali daħħal fis-seħħ id-disposizzjonijiet rimanenti tal-Att XVIII tal-2004, wara li l-uniċi disposizzjonijiet li kienu ingħataw effett sa dakinhar kienu l-artikoli 110, 113 u 115, li daħlu fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 2005, bis-saħħa tal-Avviż Legali 37/2005.

54. Għalhekk it-talbiet tal-atturi għal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat għandhom jiġu kkunsidrati skont il-liġi l-ġdida.

55. L-akbar differenza mwettqa permezz ta' dawn l-emendi kienet dik li s-sehem riżervat fuq il-beni tal-mejjet beda jitqies bħala kreditu tal-leġittimarju fil-konfront tal-werriet, u mhux aktar sehem *in re* fuq il-beni komponenti l-eredità[49], u dan b'effett ta' liġi espressa[50]. Preċedentement, kienet ġurisprudenza akkolta illi l-leġittima kienet dovuta *in natura*, u ċjoe' «*in piena proprietà senza alcun peso od altra condizione*»[51]. Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Avukat Dr Malcolm Mifsud noe vs. Jason Micallef***: «*għal żmien twil, il-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (quota bonorum) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (hereditatis portio) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem talleġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax*

[49] ***Carmelo Farrugia noe et vs. Concetta Mintoff et*** (Appell Superjuri, 10/6/1949 – Kollezz. Vol.XXXIII.i.472).
[50] Artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili.
[51] Ara d-deċiżjonijiet ***Marietta Ellul vs. Francesco Vella Zammit ed altri*** (Prim'Awla, 29/10/1913 - Kollezz. Vol.XXII.ii.114); ***Avvocato Enrico Carlo Vassallo nomine vs. Giuseppina Mallia ed altri*** (Appell Superjuri, 24/2/1930 – Kollezz. Vol.XXVII.i.451); ***Giuseppa Sammut vs. Grazia Refalo et*** (Prim'Awla, 30/6/1954 – Kollezz. Vol.XXXVIII.ii.551).

*jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt . Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decujus»*[52].

56. Dwar il-mod kif jiġi kalkolat dan is-sehem riżervat, id-dispożizzjoni l-aktar rilevanti hija l-artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili, li tgħid hekk:

> 620.(1) It-testatur ma jistax jgħabbi s-sehem riżervat b'xi piż jew kondizzjoni.
> (2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.
> (3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.
> (4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.
> (5) Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat.

57. Il-liġi hija ċara meta tgħid li s-sehem riservat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funerali. Hija ċara wkoll meta tgħid li fl-assi, jidħol dak kollu li t-testatur ikun ta b'titolu gratwitu matul ħajtu favur xi ħadd, ad eċċezzjoni biss tal-ispejjeż tal-edukazzjoni tat-tfal jew tad-dixxendenti tiegħu.

58. Tqum għalhekk il-mistoqsija dwar iż-żmien li fih għandu jiġi kkunsidrat il-valur ta' dawk l-assi.

59. Il-Qorti diġà rrilevat li saru emendi estensivi għall-mod kif għandha titqies in-natura tal-leġittima, jew sehem riżervat, permezz tal-Att XVIII tal-2004. Minkejja dawn il-bidliet, il-mod kif ordinarjament jiġi kalkolat is-sehem riservat baqa' l-

[52] 9 ta' Lulju 2015.

istess, tant illi l-ewwel erba' subinċiżi tal-artikolu 620 huma prattikament identiċi għal dak li qabel kien l-artikolu 318 tal-Ordinanza VII tal-1868[53]. Sabiex jiġi likwidat is-sehem riżervat, trid qabel xejn issir ir-rikostruzzjoni tal-patrimonju tat-testatur, bil-mod preskritt mil-liġi. Kif sewwa rriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Carmela Farrugia ne et vs. Concetta Mintoff et***[54]: «*Jekk wieħed jinterpreta letteralment l-artikolu ċitat mill-appellati nsibu illi l-leġislatur ried ir-rijunjoni fittizja, għal skop ta' leġittima, ta' dak kollu li t-testatur b'titolu gratuwitu, anki in kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, imbarra l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti oħra…*». Kienet ukoll ġurisprudenza akkolta li r-riunjoni fittizja sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-patrimonju tad-*de cuius* trid isseħħ b'riferenza għal dak iż-żmien li fih tkun infetħet is-suċċessjoni. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Michael Bonnici et vs. Reverendu Dun Francis Bonnici et***: «*Il-kriterju tal-valutazzjoni biex issir il-likwidazzjoni tas-sehem riservat għandu jkun kemm kien jiswa l-ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iż-żmien*»[55].

60. L-atturi jippretendu li l-likwidazzjoni tas-sehem riżervat li jmiss lilhom għandha ssir b'riferenza għaż-żmien eqreb għal-likwidazzjoni. Pretensjoni li hija kontestata mill-konvenuti, li jsostnu li ż-żmien rilevanti huwa dakinhar meta nfetħet is-suċċessjoni tat-testatriċi.

61. Il-Qorti taf li jeżisti korp ta' ġurisprudenza li stabbilixxa deroga għall-prinċipju li l-valuri rilevanti għal-likwidazzjoni tas-sehem riservat ikunu dawk eżistenti fiż-żmien tal-mewt tad-*de cuius*. Din il-ġurisprudenza, li kienet titratta fattispeċi preċedenti għall-emendi fuq imsemmija[56], kienet tipprovdi din id-deroga u eċċezzjoni fejn jinstab li seħħet leżjoni tal-porzjoni riżervata mill-patrimonju tat-testatur, jew inkella fejn l-eredi jkun ittrasferixxa xi beni mill-eredità qabel isseħħ dik il-likwidazzjoni. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-jedd tal-leġittimarju, **li f'dik l-epoka kien jedd fuq il-ġid tal-mejjet**, ma setgħax jibqa' konsegwit kif imiss permezz

[53] Għall-preċiżjoni, jingħad li l-ewwel subinċiż kien oriġinarjament jipprovdi wkoll, b'żieda mad-divjet lit-testatur li jimponi piżijiet jew kondizzjonijiet, li l-leġittima kienet dovuta in pjena proprjetà, kunċett li ġie superfluwu bl-emendi tal-2004.
[54] Appell Superjuri, 10 ta' Ġunju 1949 – Kollezz. Vol.XXXIII.i.472.
[55] 25 ta' Lulju 2012.
[56] Ara per eżempju ***Mary Anne Zammit et vs. Antonia Ellul et*** (Appell Superjuri, 28 ta' Jannar 2005); ***L-Avukat Dr Chris Said noe et vs. Mary Abela pro et noe et*** (Appell Superjuri, 28 ta' Mejju 2010).

t'assenjazzjoni ta' parti mill-beni ereditarji. Għalhekk il-jedd ta' *quota bonorum* tal-leġittimarju kien jiġi konvertit fi dritt ta' kreditu, u proprju għalhekk kien jittieħed qies tal-valuri fi żmien l' *aestimatio rei* – proprju għaliex id-dritt ta' kreditu jinħoloq b'effett tas-sentenza nnifisha, u għalhekk kien jiġi kalkolat skont il-valuri fiż-żmien li saret il-likwidazzjoni.

62. Din il-posizzjoni ġiet għal kollox abbandunata bl-emendi promulgati fis-sena 2004, għaliex il-jedd tal-leġittimarju huwa wieħed ta' kreditu *ab initio*, u ma jiġi konvertit f'ebda waqt. Għalhekk dak il-kreditu jiġi kalkolat skont il-valur tal-ġid fil-mument li jinħoloq dak id-dritt ta' kreditu, u ċjoè mal-apertura tas-suċċessjoni (ħlief għal ġid donat, li dwaru l-liġi tipprovdi regola differenti). Kemm hu hekk, l-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili irendi d-dritt ta' kreditu tal-leġittimarju munit bl-imgħax legali sa mill-ftuħ tas-suċċessjoni jekk it-talba għall-ħlas tas-sehem riservat issir fi żmien sentejn mill-apertura tas-suċċessjoni. Dan hu hekk għaliex il-kreditu huwa fis-seħħ u eżistenti fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni, u għalhekk biss ikun suxxettibbli li jħalli l-imgħax (ara f'dan is-sens ***Frances Curmi vs. Mary Jane Farrugia***, Appell Superjuri, 7 t'April 2025).

63. Għalhekk il-Qorti se tkun qed tikkomputa s-sehem riżervat spettanti lill-atturi billi tqis il-valur tal-assi li kienu jappartjenu lit-testatriċi fiż-żmien tal-mewt tagħha (ara wkoll f'dan is-sens ***Josette D'Alessandro vs. Stephanie Grech et***, Appell Superjuri, 25 ta' Frar 2025).

64. Mill-provi rriżulta dan il-ġid:

- nofs indiviż tal-fondi bin-numri 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp, Tarxien;
- nofs indiviż tal-ħanut bin-numru 126, Tarxien Road, Paola;
- nofs indiviż tal-garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet, Tarxien;
- nofs indiviż tal-qabar numru wieħed (1) fis-sezzjoni ittra "P" fiċ-Ċimiterju Parrokjali ta' Ħal-Tarxien, magħruf ukoll bħala Ċimiterju ta' l-Erwieħ Triq it-Tempji Neolitiċi Ħal Tarxien;
- nofs indiviż tal-fond bin-numru 55, Triq Zonqor, Marsascala.

65. Kif rajna, l-valur rilevanti huwa dak fis-sena 2005, meta mietet it-testatriċi, u ċjoè:

    a) il-fondi bin-numri 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp f'Tarxien ġew stmati bil-valur ta' €180,000;
    b) il-fond bin-numru 126, fi Triq Ħal Tarxien f'Raħal Ġdid ġie stmat bil-valur ta' €95,000;
    c) il-garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet f'Ħal Tarxien ġie stmat bil-valur ta' €80,000;
    d) il-fond bin-numru 55, Triq Zonqor, Marsascala ġie stmat bil-valur ta' €40,000;
    e) il-qabar, li dwaru ma saret ebda stima. Fid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* magħmula wara l-mewt tat-testatriċi minn Ernest Degabriele u Carmelo Degabriele, is-sest indiviż denunzjat ġie mogħti l-valur ta' Lm65, li jwassal għal €908 għall-intier. La l-atturi ma merewx din il-prova, il-Qorti se taddotta dan il-valur.

    b'kollox għalhekk €396,000, li nofsu biss kien jifforma l-eredità tat-testatriċi, u kwindi €198,000.

66. Il-konvenut Carmelo Degabriele kien eċċepixxa li huwa kellu dejn favur tiegħu dovut mill-eredità t'ommu, iżda l-ebda prova ma saret fir-rigward, u għalhekk il-Qorti qed twarrab din l-eċċezzjoni.

67. Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet riferibbli għall-attiv tat-testatriċi li jinsab għand il-konvenuta Galea, il-Qorti tosserva li l-pretensjoni tat-testatriċi ġiet imwarrba għal kollox b'sentenza tat-22 t'April 2015. Din is-sentenza għaddiet in ġudikat, u l-ebda deduzzjoni kuntrarja għaliha ma tista' ssir f'din il-kawża. Skont dik id-deċiżjoni, it-testatriċi għaddiet minn jeddha dak il-ġid lill-konvenuta Galea.

68. Tqum b'hekk il-kwistjoni jekk il-ġid hekk trasferit lill-konvenuta Galea matul ħajjet it-testatriċi għandux jittieħed qies tiegħu għall-iskop tas-sehem riservat.

69. L-artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili effettivament jgħid li: «*Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra*». Il-Qorti qrat bir-reqqa s-sentenza mogħtija fit-22 t'April 2015, u minnha jirriżulta illi din il-Qorti, kif diversament presjeduta, ikkonkludiet li l-flus mogħtija mit-testatriċi ingħataw lill-konvenuta Galea talli din kienet tieħu ħsieb lit-testatriċi. Dan ifisser li l-għoti tal-flus ma sarx bi spirtu ta' liberalità, imma bi ħlas, u għalhekk jitqisx li huwa b'titolu gratwitu. L-atturi ma ressqu ebda prova f'din il-kawża biex jippruvaw imeru din il-konklużjoni, jew inkella biex juru li l-ammont donat jiżboq il-valur tas-serviġi reżi mill-konvenuta Galea, u għalhekk il-Qorti sejra taddottaha. Dan ifisser li dawn l-ammonti m'humiex se jitqiesu għal finijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat.

70. Ma saret ebda prova dwar spejjeż funebri u spejjeż oħrajn li l-liġi tammetti sabiex iġibu riduzzjoni fil-valur tal-patrimonju li fuqu se jitħallas is-sehem riżervat. Dwar il-valur tal-ishma pubbliċi fil-kumpanija Simonds Farsons Cisk ma nġabet ebda prova tiegħu, u rriżulta wkoll li fiż-żmien tal-mewt tat-testatriċi, ma kellhiex depożiti bankarji f'isimha, billi l-kontijiet li nstabu kienu kollha ingħalqu żmien qabel mewtha.

71. Għalhekk is-sehem riżervat tal-atturi sejjer jinħadem fuq il-valur ta' €198,000. Skont l-artikolu 616, jekk l-ulied tat-testatur ikunu ħamsa jew iżjed, is-sehem riżervat huwa s-sehem relattiv min-nofs il-valur tal-beni. Ulied it-testatriċi kienu ħamsa, u għalhekk is-sehem riżervat tal-atturi, bejniethom, huwa deċima parti tas-somma ta' €198,000, jew €19,800.

72. Fuq dan l-ammont, l-atturi jridu l-imgħax.

73. L-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid: «*...Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn: Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn*

*dik stipulata fl-artikolu 1139*». Fid-deċiżjoni ***Andrew Vella vs. Stephanie Grech*** (Appell Superjuri, 25 ta' Frar 2025) ingħad hekk dwar din id-dispożizzjoni:

> L-Art. 615 huwa provvediment speċjali, applikabbli għal-liġi tas-suċċessjoni, li jimponi l-imgħax irrispettivament mil-likwidazzjoni o meno tas-sehem riżervat. Li jfisser li l-prinċipju tal-*illiquidis non fit mora* huwa eskluż. Il-proviso msemmi mill-appellant ma jgħidx li m'għandux jgħaddi imgħax, imma biss li l-Qorti tista' tistabbilixxi rata ta' imgħax inqas minn dik stipulata fl-Art. 1139 fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu.

74. Ma jirriżultax li saret ittra uffiċċjali qabel din il-kawża, u l-kawża inbdiet wara sentejn mill-mewt tat-testatriċi. L-imgħax għalhekk jibda jgħaddi minn dakinhar li l-kawża ġiet notifikata lill-konvenuti kollha u setgħet tibda miexja, u ċjoè mis-27 t'Ottubru 2011[57].

75. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Galea sa fejn huma inkonsistenti ma' dak miżmum f'din id-deċiżjoni;

(ii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta Beatrice Degabriele billi ġew sorvolati matul il-mori tal-kawża;

(iii) tilqa' t-tielet, ir-raba', il-ħames, is-seba', it-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet tal-konvenuta Beatrice Degabriele <u>biss</u> sa fejn huma konsistenti u kompatibbli ma' dak miżmum f'din is-sentenza u tiċħadhom fil-kumplament tagħhom;

(iv) tiċħad kompletament is-sitt eċċezzjoni tal-konvenuta Beatrice Degabriele;

(v) twarrab l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi deputati għall-konvenuta assenti Conti;

[57] Il-proċeduri bil-miktub ta' din il-kawża setgħu jingħalqu biss fid-data msemmija, wara n-notifika tal-kuraturi deputati għall-assenti konvenuta Conti (a tergo ta' fol.105).

(vi) tipprovdi dwar l-ewwel talba tal-atturi billi tiddikjara illi l-attiv tal-mejjet Joseph Degabriele jikkonsisti fis-segwenti:

- nofs indiviż tal-fondi bin-numri 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp, Tarxien;
- nofs indiviż tal-ħanut bin-numru 126, Tarxien Road, Paola;
- nofs indiviż tal-garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet, Tarxien;
- nofs indiviż tal-qabar numru wieħed (1) fis-sezzjoni ittra "P" fiċ-Ċimiterju Parrokjali ta' Ħal-Tarxien, magħruf ukoll bħala Ċimiterju tal-Erwieħ Triq it-Tempji Neolitiċi Ħal Tarxien;
- is-somma ta' ħamsa u erbgħin elf erba' mija sitta u ħamsin Ewro u tmien ċenteżmi (€45,456.08), li tinsab depożitata biċ-ċedola numru 1756/2022;

(vii) tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li l-atturi jmisshom bejniethom is-sehem ta' kwart mill-attiv ta' Joseph Degabriele;

(viii) tipprovdi dwar it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-atturi kif ġej:

(a) tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tas-segwenti beni immobbli:
- nofs indiviż tal-fondi bin-numri 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp, Tarxien;
- nofs indiviż tal-ħanut bin-numru 126, Tarxien Road, Paola;
- nofs indiviż tal-garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet, Tarxien;
- nofs indiviż tal-qabar numru wieħed (1) fis-sezzjoni ittra "P" fiċ-Ċimiterju Parrokjali ta' Ħal-Tarxien, magħruf ukoll bħala Ċimiterju ta' l-Erwieħ Triq it-Tempji Neolitiċi Ħal Tarxien;

(b) tiddikjara li fir-rigward tal-ishma indiviżi fil-beni immobbli msemmija, l-ishma tal-kontendenti huma kif ġej hawn taħt:
- fir-rigward tan-nofs indiviż tal-fondi 144, 145 u 146 fi Triq San Ġużepp, Tarxien, għandhom kwart indiviż l-atturi bejniethom, u

kwart indiviż kull wieħed il-konvenuta Beatrice Degabriele, il-kjamat fil-kawża Gaffarena u l-konvenuta Hilda Galea;

- fir-rigward tan-nofs indiviż tal-qabar, għandhom kwart indiviż l-atturi bejniethom, u kwart indiviż kull wieħed il-konvenuta Beatrice Degabriele, il-konvenuta Conti u l-konvenuta Hilda Galea;
- fir-rigward tan-nofs indiviż tal-ħanut bin-numru 126, Tarxien Road, Paola, għandhom nofs indiviż il-konvenuta Beatrice Degabriele, u kwart indiviż kull wieħed l-atturi bejniethom u l-konvenuta Galea;
- fir-rigward tan-nofs indiviż tal-garaxx bin-numru 3 fi Triq is-Sorijiet, Tarxien, għandhom kwart indiviż kull wieħed il-konvenut Ernest Degabriele, l-atturi bejniethom u l-konvenuti Conti u Galea;

(c) tordna li l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-ishma indiviżi provenjenti mill-eredità ta' Joseph Degabriele kif fuq imsemmija jsiru skont l-istima mħejjija mill-Perit Tekniku Michael Lanfranco b'riferenza għas-sena 2023, salv ordni ieħor tal-Qorti, filwaqt li l-istima tal-qabar fuq imsemmi għandha ssir fl-atti tal-irkant innifsu skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(d) tordna wkoll li l-bejgħ b'liċitazzjoni jsir bl-ammissjoni ta' offerenti barranin, ad eċċezzjoni tal-qabar fuq imsemmi, li għandu jiġi liċitat biss bejn il-komproprjetarji salv kull ordni mod'ieħor li jista' jingħata mill-Qorti fl-atti tal-irkant;

(e) fir-rigward tad-depożitu magħmul permezz taċ-ċedola bin-numru 1756/2022, l-atturi għandhom jirċievu kull wieħed is-somma ta' elf tmien mija erbgħa u disgħin Ewro (€1,894), filwaqt li l-konvenuti Beatrice Degabriele, Hilda Galea u Erminia Conti għandhom jirċievu kull wieħed ħdax-il elf tliet mija erbgħa u sittin Ewro u żewġ ċenteżmi (€11,364.02), u l-bilanċ tal-istess depożitu li huwa provenjenti mill-eredità ta' Maria Dolores Degabriele għandu jiġi żbankat minn min għandu jedd għalih skont il-liġi;

(f) fir-rigward tal-kirjiet imħallsa għall-ħanut bin-numru 126, fi Triq Ħal Tarxien f'Paola, il-Qorti qed tħalli tali kwistjoni impreġudikata;

(ix) tilqa' s-sitt talba kif dedotta;

(x) tilqa' s-seba' talba u għalhekk tillikwida s-sehem riżervat li jmiss lill-atturi mill-eredità ta' Maria Dolores Degabriele fl-ammont ta' dsatax-il elf u tmien mitt Ewro (€19,800) bejniethom f'ishma ugwali, bl-imgħax legali dekorribbli mis-27 t'Ottubru 2011 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(xi) tilqa' t-tmien talba u tikkundanna lill-konvenuti Beatrice Degabriele, Ernest Degabriele u Erminia Conti jħallsu dan l-ammont lill-atturi, flimkien mal-imgħaxijiet imsemmija;

(xii) tiċħad id-disa' u l-għaxar talbiet billi huma superfluwi;

(xiii) tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jinqasmu kif ġej:

- l-ispejjeż relattivi għall-ewwel ħames talbiet jitħallsu billi l-kjamat fil-kawża jħallas l-ispejjeż tiegħu, filwaqt li l-ispejjeż rimanenti jinqasmu in kwantu għal kwart kull wieħed (i) bejn l-atturi; (ii) il-konvenuta Galea; (iii) il-konvenuta Conti; (iv) il-konvenuta Beatrice Degabriele;
- l-ispejjeż relattivi għall-aħħar ħames talbiet jitħallsu mill-konvenuti Degabriele u Conti, b'dan illi l-atturi għandhom iħallsu żewġ terzi tal-ispejjeż tal-perizja teknika preżentata fit-13 ta' Ġunju 2023.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur